SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 41-18**

**17 ta' April 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**41.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsillieri Liam Sciberras u Caroline Galea.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 40-18**

**41.2.1 *Ġbid ta' Video kummerċjali mingħajr permess fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku staqsa jekk kienx sar il-ħlas dovut fir-rigward tal-*video* kummerċjali li nġibed mingħajr permess fi Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarja infumat li l-individwu li għamel il-*video* informa lill-avukat li kien ser jiġi jħallas. Hija qalet li kienet kitbet lil dan l-individwu dwar il-proċedura li tintuża fil-ħruġ ta' permessi.

**41.2.2 *Bollards fi Triq l-Ibiscus***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 40.2.1 u staqsa sarux il-*bollards* fi Triq l-Ibiscus. Is-Sindku qal li irriżulta li hemm iridu jeħlu erba' *bollards* u mhux tnejn.

**41.2.3 *Ħlas dovut lill-Melita***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 40.9.1 u staqsa jekk ġietx installata linja tal-Melita u jekk din hux ser ikollha l-istess numru ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed titkellem mal-Melita dwar din il-possibilita'.

**41.2.4 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 40-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**41.3 *Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti***

**41.3.1 *Kwotazzjoni għall-manutenzjoni estensiva tal-Latrina f'Dawret it-Torri***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ kwotazzjonijiet għal xogħol intensiv fuq il-latrina f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill iddiskuta il-ħsarat li hemm u qabel li jara jekk dan ix-xogħol jistax isir mill-ħaddiema ta' xi skema u l-Kunsill jixtri l-materjal.

**41.3.2 *Rekalmar ta' Gnien is-Serenita' bħala venue għat-tiġijiet***

Il-Kunsill qabel li jerġa jabbona għal reklamar ta' Ġnien is-Serenita' bħala venue li fih jistu jsiru tiġijiet skond il-*Bye-laws* ta' Ġnien is-Serenita'. Dan l-abbonament huwa għal-perjodu ta' sena mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019.

**41.3.3** ***Kwotazzjoni għall-manutenzjoni ta' monument***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għar-restawr tal-monument f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li dan il-monument għandu l-ġebel nieqsa. Huwa qal li wara li jitranġa l-ġebel ix-xogħol ikun jista' jitkompla mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku rrakomanda li tinġieb kwotazzjoni tax-xogħol kollu li jinkludi l-*finishings*. Is-Sindku tkellem fuq il-manutenzjoni tal-ħitan fi Triq Ineż Soler u qal li l-ħaddiema tal-Kunsill ser jixkatlawhom u jingħataw likwidu apposta. Il-Viċi Sindku saħaq li dawn ma jridux jiġu miżbugħa għax inkella jkollom bżonn manutenzjoni akbar u aktar frekwenti.

**41.3.3** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM41-18 għall-perjodu bejn it-13 ta' Marzu 2018 sad-9 ta' April 2018 u minn *cheque* numru BOV 7098 sa *cheque* numru BOV 7126.

**41.4** ***Financial Statements as at December 2017 – Proposed Audit Adjustments***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kien hemm *audit adjustment wieħed* li għamlu l-Awdituri tal-Kunsill u din kien relatat mal-LES. Hija spjegat li dan l-*adjustment* kellu jsir peress li kien hemm xi citazzjonijiet antiki li tħallsu u affettwaw l-ammont ta' *debtors* tal-LES. Hija qalet li dawn m'affetwawx is-*surplus* tal-*Financial Statements* kif preparati mill-*accountant* tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-*audit adjustment* kif proposti mill-awdituri.

**41.5** ***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***

**41.5.1** ***Skema – Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar ħarġet Skema – Manutenzjoni tal-Komun tal-Binjiet tal-Gvern għas-sena 2018. Huwa qal li l-Kunsill intalab biex jagħżel tlett binjiet tal-Gvern biex jipparteċipaw f'din l-Iskema. Il-Kunsill qabel li t-tlett binjiet li jmiss huma Blokk J, Blokk K u Blokk L. Ir-residenti ta' dawn il-binjiet għandhom jiġu nfurmati li ser issir laqgħa nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2018 fis-6.30p.m fit-Tea Room tal Ġnien Ċiniż biex jiġi spjegat lilhom il-proċess biex titwaqqaf l-għaqda tar-Residenti u jinħatar Amministratur għal kull binja.

**41.5.2** ***Cirkulari AKL 2018/010 – Multi mill-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol u ser ikun qed jattendi għal sessjoni ta' taħriġ fuq ir-*risk assessment.*

**41.5.3** ***Gal Xlokk – Xlokk Local Development Strategy***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar proposta ta' proġett biex isir *upgrading* ta' parti mill-*promenade* f'Dawret it-Torri li tkompri 52 metru kwadru. Huwa qal li fuq dan il-proġett li jista' jsir bil-fondi taħt Measure 2.1 – Development of Green Infrastructure, il-Kunsill jista' jieħu sa €57,870.00 flimkien ma' 10% ta' dan l-ammont li jrid iħallas għaliha l-Kunsill. Huwa qal li l-*boundary walls* bil-ġebel mhumiex eleġibbli għal fondi.

**41.5.4** ***Kuratur tal-Ġnien***

Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-kuratur tal-Ġnien is-Serenita' li nforma l-Kunsill li mhux ser jibqa jagħti dan is-servizz sakemm ma jiġux indirizzati ċerti problemi. Kien hemm diskussjoni twila f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li kien qed jitkellem biex tiġi ndirizzata l-problema. Kunsill qabel li l-Kuratur qed jagħmel xogħol siewi u dan is-servizz huwa indispensabbli biex l-andament tal-ġnien jibqa jitmexxa b'mod effettiv. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk hemm xi ħaddiem li qed joħloq problemi bl-aġir tiegħu, għanda ssir talba biex dan għandu jiġi trasferit. Is-Sindku qal li diġa kellem lill-Awtoritajiet ikkonċernati f'dan ir-rigward.

**41.5.5** ***Kaxxi Sofor fi Triq Kahwiela***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar *e-mail* li bgħat il-Kunsillier Sciberras dwar kaxxi sofor fi Triq Kaħwiela li qed isiru mir-residenti stess. Huwa qal li ser jiċċekja hu stess dwar dan.

**41.5.6** ***Santa Luċija Sports Day***

Is-Sindku rrefera għall-isports day li qed tiġi organizzata mill-Kunsill ta' Santa Luċija u l-fondazzjoni Right to Smile fuq inizjattiva tal-Kunsillier Liam Sciberras fil-21 ta' April 2018. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jixtri xi materjal għal din l-isports day bħal blallen u apparat sportiv ieħor. Il-Kunsill approva din l-ispiza li tammonta għal madwar €247.20. Il-Kunsill qabel ukoll li tingħata midalja kommemorattiva lill-parteċipanti.

**41.5.7** ***Il-Proġett Flows***

Is-Sindku tkellem dwar l-andament tal-proġett Flows li ġie mplimentat f'Malta bejn il-21 u l-24 ta' Marzu 2018 taħt il-programm Europe for Citizens. Is-Sindku rringrazzja l-Kunsillier Joe Bonello li kien presenti għal kull attivita' li saret b'rabta ma' dan il-proġett. Huwa qal li kien hemm kliem ta' tifħir dwar kif tmexxa dan il-proġett sew mill-organizzaturi kif ukoll mill-parteċipanti. Il-Viċi Sindku qal li dan il-proġett kif ukoll il-Ġemellaġġ li sar ma' Lubriano kien grazzi għall-ħidma li bdiet minn snin qabel, bil-kollaborazzjoni tiegħu bħala

membru ta' PES u ta' membru ieħor minn Lubriano li ħadmu fuq ħolma ta' aktar parteċipazzjoni konkreta bejn Santa Luċija u Lubriano.

**41.5.8** ***Appartamenti Indipendenza***

Is-Sindku tkellem dwar xi ritratti li ittellu fil-medja fejn saret referenza wkoll għall-iżdingar f'Appartamenti Indipendenza. Huwa qal li snin ilu kien hemm problema li wara irriżulta li kienet ġejja minn *shaft* privat u qal li l-problema li hemm issa ukoll ġejja minn *shaft* privat. Rigward ir-riħa tintenn huwa qal li din kienet ġejja minn annimal mejjet li kien hemm fil-*basement*. Huwa qal li l-Kunsill dejjem wassal l-ilmenti sew lil tas-sanita' kif ukoll lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Huwa temm jgħid li kif jirrangaw il-ħsarat, l-Awtorita tad-Djar ser tagħmel ix-xogħol neċessarju fuq il-*basement.*

**41.5.9** ***Reġjun Nofsinhar – Kuntratt Street Lighting***

Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jintalab jerġa jikkonferma li jaqbel li l-Kuntratt tal-Street Lighting joħroġ mir-Reġjun. Saret diskussjoni u ġie kkonfermat li l-Kunsill jaqbel li dan il-kuntratt għandu jkun reġjonali.

**41.5.10** ***Measure 4.3***

Is-Sindku rrefera għall-ispiża involuta fuq xogħol li qed titlob il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma b'rabta max-xogħol ta' kisi ta' toroq rurali taħt il-programm Measure 4.3. Huwa nforma l-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kitbet f'dan ir-rigward u l-Kunsill għandu jirċievi it-tweġiba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-Kunsill ikkonferma l-pożizzjoni tiegħu li ma jħallas xejn għas-*civil works* proposti mill-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma.

**41.5.11** ***PA+ - LCs ESF Training Programme***

Saret referenza għal *training programme* PA+ li ser ikun organizzat mill-Awtorita' tal-Ippjanar taħt il-proġett tal-Unjoni Ewropea European Social Fund Call 111. Il-Viċi Sindku ikkonferma li ser jattendi għal dan it-taħriġ.

**41.5.12** ***Servizz ta' Sigurta' fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku qara it-tweġiba mill-Ministeru tal-Finanzi fir-rigward tat-talba tal-Kunsill għas-servizz hawn fuq imsemmi**.** Il-Kunsill qabel li jindirizza il-problema lill-Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali u lill Ministeru għall-Gustizzja. Il-Viċi Sindku qal li ser jinforma ruħu dwar il-possibilta' li Santa Luċija titqies bħala *tourist zone*.

**41.5.13** ***Kors dwar Litteriżmu***

Il-Kunsill iddiskuta talba mill-Agenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu biex torganizza kors dwar il-Litteriżmu fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li filwaqt li ma

jsibx oġġezzjoni li dawn il-korsijiet isiru fil-faċiltajiet fi Ġnien is-Serenita', l-organizzaturi għandhom iġorru l-ispiża tal-kuratur tal-ġnien.

**41.5.14** ***Malta Horticultural Society***
Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fi wirja tradizzjonali ta' fjuri, frott, ħxejjex u qsari li ssir kull sena fil-Ġonna ta' Sant' Anton.

**41.5.15** ***Aerobic Sessions***
Is-Sindku nforma l-Kunsill li fix-xahar ta' April 2018 ser ikun hemm kontinwita' tas-*sessions* tal-*aerobics* li kienu saru fil-perjodu bejn Novembru 2017-u Jannar 2018. Huwa qal li dawn is-*sessions* qed jiġu organizzati mill-Ministeru Għas-Saħħa.

**41.5.16** ***Garanzija Bankarja għall-użu ta' Ġnien is-Serenita'***
Is-Sindku irrefera għal-Garanzija Bankarja li saret fir-rigward tal-permess għal użu ta' Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li m'għadx hemm bżonn ta' din il-garanzija u għanda tiġi kkanċellata.

**41.5.17** **National Hearing Screening Initiative**
Is-Sindku nforma l-Kunsill bi proposta biex jipparteċipa f'inizjattiva immirata biex titqajjem *awareness* dwar il-problema ta' nuqqas ta' smigħ. Il-Kunsill qabel li din l-inizjattiva tkun ikkordinata maċ-Ċentru għall-Anzjani.

**41.5.18** **Proġett 2 Will**
Is-Sindku tkellem dwar il-proġett 2Will li fih il-Kunsill qed jipparteċipa bħala *parter* u l-avveniment li ser isir fl-Isvezja bejn l-14 u t-18 ta' Mejju 2018 bħala parti minn dan il-proġett. Il-Kunsillier Joe Bonello ikkonferma li lest jirrappreżenta l-Kunsill f'dan l-avveniment.

**41.5.19** **Użu ta' Ġnien is-Serenita'**
Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jirċievi talbiet għal użu tal-Ġnien is-Serenita' għal tiġijiet għas-sena 2020. Ġie ikkonfermat li l-amministrazzjoni tal-Kunsill tista' taċċetta tali talbiet.

**41.6** **Kuntratt ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija**
Il-Kunsill iddiskuta dan il-kuntratt u approva d-dokument tal-offerta biex tinħareġ sejħa għall-kuntratt ġdid.

**41.7** **Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart**
Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi diskuss fl-laqgħa tal-Kunsill li għandha ssir apposta għalhekk.

**41.8 Bus Terminus - proposta minn Trasport Malta**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-proposta ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li Trasport Malta talab lill-Kunsill biex jagħmel *survey* fuq il-*bus terminus* u l-Kunsill hekk għamel. Huwa kompla jgħid li Trasport Malta mhux qed tikkunsidra r-riżultat ta' dan is-*survey*. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa ma' Trasport Malta kemm jista' jkun malajr f'dan ir-rigward.

**41.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**41.9.1** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras***

Is-Sindku qara mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras fejn dan staqsa dwar ir-raġuni għala t-trinka fi Triq Gardenja u Dawret it-Torri għadha ma saritx. Is-Sindku wieġeb lit-trinka ġiet *reinstated* bil-konkos imma ma saretx bl-aħmar.

**41.9.2** ***Mistoqsija tal-Kunsilier Liam Sciberras***

Is-Sindku qara mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras fejn dan staqsa ir-raguni għala l-awtorita' tal-Gvern ikkonċernata neħħiet it-tabella/avviż li kien hemm fi Triq Katerina Vitale. Huwa kompla jgħid li jesiġi li din terġa tiġi *reinstated*. Is-Sindku beda biex jgħid li hu ma jaċċettax ċertu ton fl-*e-mails* li jinbagħtu lill-Kunsill. Huwa kompla jgħid li dik it-tabella ma taqax taħt ir-remitt tal-Kunsill.

**41.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-6.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2018 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |